MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 92/1997/1

**Luciano Martinelli, ghan-nom u fl-interess ta' Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Saviour Pisani**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Novembru, 1999, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza parzjali fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li permezz tieghu l-attur nomine talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-istess attur nomine is-somma komplessiva ta' Lm345 (tlett mija u hamsa u erbghin lira

Maltin); kwantu ghal tlett mija u ghoxrin lira Maltin (Lm320) prezz ta’ merkanzija lill-konvenut mibjugha u kkonsenjata, kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) ta’ interessi kummercjali. Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-istess konvenut a fol 6 tal-process u li biha eccepixxa:

1. Il-preskrizzjoni a tenur ta’ l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher, mid-diversi seduti, hadd mill-partijiet ma ipproduca xi forma ta’ prova in konnessjoni ma’ l-eccezzjoni in esami a basi ta’ l-artikolu tal-Kodici Civili hemm fuq citat, li jistipula li l-azzjoni ghall-pagament ta’ debitu iehor risultanti minn transazzjonijiet kummercjali “or other causes”, salv l-eccezzjonijiet specifikati fl-istess artikoli, hija estinta u preskritta bil-perijodu ta’ hames snin.

Ikkunsidrat

Illi hi l-fehma tal-Qorti li in rigward din l-eccezzjoni, kien jispetta lill-konvenut sabiex jipproduci xi prova in sostenn taghha. Pero dan ma avverax ruhu avolja, kif di gja inghad, l-istess Qorti tat l-opportunita` sabiex tali prova jew provi jsiru.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif hawn fuq premess u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjes rizervati.”

Is-sentenza finali nghatat mill-istess Qorti Inferjuri fid-29 ta’ Novembru, 2004 u kienet tghid hekk:

“Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur nomine is-somma komplessiva ta’ (Lm345) tlett mija u hamsa u erbghin lira Maltin, kwantu ghal tlett mija u ghoxrin lira Maltin (Lm320) prezz ta’ merkanzija lill-konvenut mibjugha u kkonsenajta, kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) ta’ interessi kummercjali. Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

2. Il-preskrizzjoni a tenur ta’ l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.
3. Fi kwalunkwe kaz l-attur ghandu jipprova l-kreditu tieghu.

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-istess Qorti fis-16 ta’ Novembru 1999 (ara fol 18 tal-atti) u li, biha, giet michuda l-eccezzjoni preliminari kif sottomessa mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-<u>meritu</u> ta’ din il-kawza <u>Luciano Martinelli</u>, anke permezz ta’ dokumenti (fol 21 sa fol 34 u fol 40 sa fol 43 tal-istess atti) ikkonferma illi s-socjeta attrici kienet tbiegh lill-konvenut diversi oggetti, kif specifikati fl-istess xhieda, sabiex dan jbieghhom mill-hanut gestiti minnu, fil-perjodu ta’ zmien in esami, liema hanut, aktarx, ma kienx ghadu miftuh. L-istess xhud semma’, fix-xhieda tieghu, illi l-oggetti in kwistjoni kienu jinxtraw, <u>bl-ingrossa</u>, mill-konvenut. Fl-ahharnett, l-istess xhud, spicca biex jghid illi l-ammont ta’ Lm320, oltre dak ta’ Lm25, kienu ghadhom dovuti bhala bilanc minn prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut u imghaxijiet kummercjali

rispettivament, dan tal-ahhar sad-data tal-presentata tal-avviz in esami cjoe sat-22 ta' Jannar 1997.

Illi l-konvenut, meta xehed, semplicement, qal, testwalment, "Jiena lill-attur nomine ma jidhirlix li ghandi naghtih xi haga". Jigi ukoll sottolineat illi, b'referenza ghall-eccezzjoni fil-meritu, sottomessa mill-konvenut, dan qal biss, illi l-attur "… ghandu jipprova l-kreditu tieghu".

Ikkunsidrat

Illi, milll-premess, jidher evidenti li tali prova saret u, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' Lm345 bl-imghax kummercjali mit-23 ta' Jannar 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes."

Il-konvenut jikkritika dawn is-sentenzi fuq zewg livelli:

(i) Huwa jsostni li mill-provi prodotti jirrizulta bic-car illi t-talbiet ta' l-atturi kienu preskritti fit-termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u kien allura jispetta lill-attur *nomine* li jirribatti din il-preskrizzjoni u din il-prova ma ngiebetx minnu;

(ii) Fil-meritu, jinsisti li l-attur *nomine* ma gabx prova sufficcjenti in sostenn tal-kreditu tieghu;

Kwantu ghall-ewwel aggravju jirrizulta illi l-ewwel Qorti fis-sentenza preliminari taghha tas-16 ta' Novembru 1999 cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni in bazi ghall-konsiderazzjoni illi l-konvenut appellant naqas li jipproduci xi prova in sostenn taghha nonostante li tatu l-opportunita` jaghmel dan. Irid jinghad illi sa dakinhar ta' dan il-pronunzjament la l-konvenut u lanqas l-attur *nomine* ma ressqu provi. Dan iwassal ghar-riflessjoni dwar l-*iter*

procedurali li ghandu jigi persegwit fejn tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Mhux dubitat illi jinkombi fuq il-parti li tqajjimha li tidentifika l-preskrizzjoni applikabbli. Hi gravata bl-oneru li tindividwa minn fost l-ipotesijiet varji prevvisti mil-ligi l-preskrizzjoni specifika. Dan hu indott mill-interpretazzjoni li dejjem inghata mill-gurisprudenza lill-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili. "L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax titqajjem mill-Qorti *ex officio*. Ghalhekk biex il-Qorti tikkonsidraha, jehtieg li tkun specifikata mill-eccipjent u mhux bizzejjed li l-eccipjent jghid li jaghti l-eccezzjoni ta' kull preskrizzjoni ohra skond il-ligi, ghax xorta ohra l-Qorti tkun qeghda tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f' materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva" – "**Francis Bugeja *nomine* -vs- Indria Mercieca**", Appell, 29 ta' Mejju 2000;

Huwa dezumibbli minn din l-enuncjazzjoni illi fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika, hekk necessarja biex taghmel individwabbli, u allura komprensibbli wkoll, il-wahda jew l-ohra fost l-ipotesijiet precizati mil-ligi, l-eccezzjoni nnifisha ma tstax hlief tigi dikjarata inammissibbli;

Fil-kaz in disamina l-konvenut appellant specifika l-preskrizzjoni li fil-fehma tieghu kienet hekk applikabbli biex tikkontrasta l-pretensjoni ta' l-attur *nomine* u tipparalizza l-azzjoni tieghu. Huwa jghid li dik l-azzjoni ghall-hlas tal-kreditu reklamat kienet estinta bid-dekors ta' hames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

Gjaladarba l-qaghda difensjonali tal-konvenut hi konformi ghal dak li trid il-ligi, jinsorgi l-kwezit jekk kienx dmir ta' l-eccipjenti li jsostni l-preskrizzjoni jew kienx invece jinkombi fuq l-attur *nomine* li jikkombattiha;

Skond certu orjentament gurisprudenzjali "l-vera posizzjoni, f' kaz ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni li timporta

prezunzjoni tal-pagament, hija din: kif tigi opposta l-preskrizzjoni, l-attur jista' jikkumbattiha jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b' xi wiehed mill-mezzi fuq imsemmija jigifieri, l-inammissibilita`, is-sospensjoni jew interruzzjoni tal-preskrizzjoni …" (**Kollez. Vol. XXXVII P II p 621**);

Invece, skond orjentament iehor "min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju skond liema terminu preskrittiv ikun applikabbli. Ikun imbaghad jispetta lill-attur-kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jaghzel it-triq u l-mezzi li taghtih il-ligi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni" – "**Josianne Sciberras -vs- Giovanni Vella *et***", Appell, 21 ta' Frar 1996; "**Jeremy Holland -vs- Joseph Chetcuti**", Appell, 25 ta' Frar 2000;

Fil-fehma ta' din il-Qorti jidher li dan l-ahhar insenjament jaghmel aktar sens guridiku. L-Artikolu 2107 (2), Kodici Civili jipprovdi li "l-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed jehles minn <u>azzjoni</u> meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi";

Innegabilment, l-accertament tad-dekorrenza taz-zmien tikkostitwixxi indagini ta' fatt u dan jimporta illi inizzjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li ghandu, bhala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li t-terminu statutorju preskrittiv kien ghadda. Wiehed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f' sens inekwivoku, tal-volonta` tal-parti li ggib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taz-zmien tal-kreditu azzjonat fil-konfront tieghu. U allura logikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduci, in sostenn tad-difiza tieghu, prova tad-data tad-dekorrenza ghall-iskop tal-komputa tal-perijodu preskrizzjonali;

Minn dan appena rilevat jidher li l-ewwel Qorti kienet korretta fil-motivazzjoni taghha fis-sentenza tas-16 ta' Novembru 1999 li permezz taghha cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Dan ma jfisserx pero` illi din il-Qorti ma ghandhiex issa tikkonsidra din l-eccezzjoni li dwarha

kompla jinsisti l-appellanti in bazi ghall-provi processwali prodotti wara li l-ewwel Qorti cahdet, ghar-raguni moghtija tan-nuqqas ta’ provi, il-preskrizzjoni eccepita. Hi ligi li l-preskrizzjoni tista’ tinghata f’ kull waqt tal-kawza “mqar fl-appell” (Artikolu 2112, Kodici Civili) u ghalhekk ma hemm xejn x’ izomm lil din il-Qorti milli tikkonsidraha u, anke jekk hekk jokkorri, takkoljiha, salv il-kwestjoni tal-kap ta’ l-ispejjez;

In bazi ghar-rizultanzi istruttorji, senjatament il-fotokopji tal-*ledger* tas-socjeta` attrici (fol. 24 sa fol. 32), jirrizulta illi l-ahhar hlas effettwat mill-konvenut sar fid-19 ta’ Mejju 1988. Dejjem skond dan il-*ledger*, l-ammont bilancjali f’ dik id-data baqa’ l-istess bhal dak issa reklamat bl-odjerna azzjoni. Din l-azzjoni giet prezentata fit-22 ta’ Jannar 1997 u ghalhekk ferm aktar mill-hames snin li tippreskrivi l-ligi fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

L-attur *nomine* ma gab ebda prova ta’ att interruttiv biex jikkombatti d-dekorriment ta’ dan it-terminu, u lanqas ma ghazel li jiddeferixxi l-gurament lill-konvenut, kif seta’ jaghmel bl-Artikolu 2160, Kodici Civili u skond il-formula f’ dan l-artikolu preskritt. Kien anzi l-konvenut innifsu li minn rajh xehed li ma jidhirlux li ghandu jaghti xi haga lill-attur *nomine* (fol.47). Mill-bqija ma sarlu ebda kontroezami kif seta’ jsirlu bl-aktar mod ampju, una volta ddepona minn jeddu (ara “**Tabib Principali tal-Gvern -vs- Giorgina Muscat**”, Appell, sede Inferjuri, 8 ta’ Marzu 1978);

Fic-cirkostanzi din il-Qorti qed takkolji l-preskrizzjoni eccepita u ghalhekk mhux il-kaz li tinoltra ruhha fl-aggravju relattiv ghall-meritu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed thassar u tirrevoka s-sentenzi appellati billi tiddikjara li qed takkolji l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili. B’ danakollu in vista ta’ dak li nghad aktar ‘il fuq, l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi ghandhom xorta wahda jitbatew mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------